MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-22 ta' Frar, 2023

Appell Inferjuri Numru 226/18 LM

**Marcus Lauri (K.I. nru. 242873(M))**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Grace Borg (K.I. nru. 760251(M))**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Marcus Lauri (K.I. nru. 242873(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] minn deċiżjoni mogħtija fit-8 ta' Frar, 2022, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-ewwel Qorti'], li permezz tagħha

ddeċiediet ir-rikors tiegħu fil-konfront tal-intimata **Grace Borg (K.I. nru. 760251(M))** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellata’] billi ċaħditu, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw pretensjoni għall-ħlas vantata mill-appellata għas-somma ta’ €5,000 rappreżentanti l-valur ta’ kambjala magħmula u ffirmata mill-appellant favur tagħha u li mmaturat fit-18 ta’ Diċembru, 2017. L-appellata kienet ippreżentat ittra uffiċjali *ai termini* tal-para. (e) tal-artikolu 253 u tas-subartikolu 256(2) tal-Kap. 12 fil-konfront tal-appellant fl-20 ta’ April, 2018, sabiex tirrendi l-imsemmija kambjala eżegwibbli u fejn interpellatu sabiex iħallas is-somma msemmija.

**Mertu**

3. Skont id-dritt mogħti lilu mill-imsemmija disposizzjonijiet tal-liġi, l-appellant ippreżenta rikors quddiem l-ewwel Qorti fit-3 ta’ Ottubru, 2018 fejn talab lil dik il-Qorti sabiex jogħġobha tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjala mertu tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet fuq imsemmija.

4. L-appellata wieġbet fil-25 ta’ Jannar, 2019 fejn issottomettiet li t-talba tal-appellant għandha tiġi miċħuda, filwaqt li l-eżekuzzjoni tal-kambjala għandha tiġi kkonfermata.

**Id-deċiżjoni appellata**

5. L-ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"**Ikkunsidrat***

*Din il-Qorti tibda biex tgħid li qajla hija konvinta li l-kambjala in kwistjoni ma għandha ebda konnessjoni mal-konvenju li jissemma f'din il-vertenza b'konnessjoni mal-ħanut Wallis, fi Triq it-Torri, Sliema. Minkejja li Borg tgħid li din ma kellha xejn x'jaqsam dwar dan, il-kambjala nħarġet proprju fil-jum li fih kien jiskadi l-konvenju, 18 ta' Diċembru 2017. Ġiet preżentata lil Lauri, skont kif dikjarat minnu stess, minn rappreżentant tal-kumpannija Xerrejja, u tħalliet man-Nutar Anton Borg, li rrediġa l-istess konvenju. Grace Borg, imbagħad, jidher li ġabritha mingħand in-Nutar Borg stess.*

*Għalkemm jidher ċar li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li jorbtu dan il-ħlas intimament u direttament man-negozju tal-ħanut Wallis, anke li kieku ma kellu x'jaqsam xejn mal-istess negozju, m'hemmx dubju li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li l-ħlas isir mill-prezz tal-bejgħ li kien ser jiġbor Lauri wara l-materjalizzazzjoni tal-istess negozju f'kuntratt pubbliku.*

*L-Artikolu 253(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jgħid li l-kambjali u* promissory notes *maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ huma titolu eżekuttiv,*

"e) kambjali u promissory notes maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ;

B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew *promissory note* tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew *promissory note* esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew *promissory note* tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ. L-ittra uffiċjali msemmija aktar 'il fuq f'dan il-proviso għandha, taħt piena ta' nullità, tavża lid-debitur bid-dritt mogħti lilu minnn dan il-proviso;"

*Il-Qorti għalhekk trid tara, issa, jekk (kif jgħid ir-rikorrent) jeżistux raġunijiet* "gravi u validi" *għas-sospensjoni tal-istess kambjala. Jidher li r-raġunijiet mogħtija mir-rikorrent huma essenzjalment tnejn (i) li l-kambjala jekk xejn kellha tkun fil-konfront ta' Fashion Retailers Ltd (ii) li l-kambjala, in kwantu marbuta direttament ma' negozju u ċioé bejgħ li baqa' ma seħħx, ma tistax tiġi eżegwita.*

*Dwar dan il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet* ***Charles Gatt noe vs Joseph Vassallo Gatt noe*** *(15 ta' Novembru 1993) fejn ġie ribadit illi:*

> "appena kambjala tigi ammessa, **tiġi krejata obligazzjoni 'ad hoc', għal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obligazzjoni li setgħet ippreċedietha**. Għalhekk f'kawża bħal din (azzjoni kambjarja), **l-eċċezzjonijiet ammissibbli huma ġeneralment limitati għall-kambjala nnifisha u bħala regola m'għandhomx jiġu permessi eċċezzjonijiet li jikkonċernaw obligazzjonijiet preċedenti**" (*fn. 2 Enfasi ta' din il-Qorti)*

*Kif ingħad fis-sentenza* ***Giovanni Briffa vs Ronald Azzopardi*** *(deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Frar 2008):*

> "Minn qari akkurat tal-imsemmi sezzjoni jidher ċar li hemm żewġ bażi għaliex l-eżekuzzjoni tal-kambjala tista' tiġi sospiża u ċioé li l-firma ma tkunx tal-persuna jew mandatarju tagħha u sekondarjament fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi għall-oppożizzjoni tal-eżekuzzjoni. F'dan il-każ il-persuna li teżiġi l-ħlas tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-disposizzjoni tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Il-liġi ma jispeċifikax x'inhuma r-raġunijiet gravi u fil-fehma tal-Qorti dan ma sarx b'xi nuqqas tal-leġislatur iżda intenzjonatament għax il-leġislatur ried iħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f'liema każijiet ikollha quddiemha l-Qorti għandha tilqa' t-talba jew le. Ċertament li r-raġuni valida m'għandhiex tkun waħda frivola għax kif tgħid l-istess liġi ħlief fil-każ tal-firma r-raġuni trid tkun gravi u valida u dan jagħmilha ċara li persuna ma tistax kapriċċożament topponi tali eżekuzzjoni.
>
> Iżda min-naħa l-oħra l-leġislatur ma eliminax ir-riċerka li ssir f'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ iżda l-artikolu 253(3) u proviso tiegħu ġie reż bħala proċedura *(prima facie)* diskrezzjonali f'idejn il-Qorti, bażat naturalment fuq raġunijiet validi u gravi. Huwa veru li mkien fil-liġi ma jinstab il-kliem *prima facie* iżda dan ikun bla sens li l-Qorti tidħol fid-dettalji kollha tal-proċeduri soliti meta hekk jew b'hekk dawk il-proċeduri ma ġewx eliminati mil-leġislatur, b'mod li jirrendi l-applikazzjoni ġusta tal-liġi tittieħed f'dan is-sens".

*Inoltre, fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Frar 1907 fil-kawża* **Francesco Zammit noe vs Paolo Scicluna noe** *il-Qorti tal-Kummerċ qalet li* "secondo la pratica di questi tribunali il pagamento di una cambiala accettata e scaduta viene sempre ordinato quando le eccezzioni siano tali da richedere lunga idagine sotto quella cautela che il prudente arbitrio della Corte credesse opportuno". *Dan jirrifletti dak li jgħid l-**Art 198(2) tal-Kap 13**, u ċioé illi jekk ikun hemm eċċezzjonijiet kontra l-ħlas ta' kambjala u dawk l-eċċezzjonijiet* "ikunu jinħtieġu eżami fit-tul, is-smigħ tagħhom isir f'kawża għaliha, u, sadanittant, il-kundanna għall-ħlas tal-kambjala, bil-granzija jew mingħajrha, skont ma jidhrilha l-qorti, m'għandhiex tkun imdewma".

*Fis-sentenza aktar reċenti fl-imsijiet* ***Victor Fenech nomine vs Angelo Zahra*** *(deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Jannar 2022):*

> "Il-Qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet gravi u validi ma jistgħux ikunu aktar ampji mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħalma hija din tal-lum, il-Qorti tistħarreġ il-mertu ta' xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazjoni li fiha titnizzel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li titressaq speċifikatament għal dan il-għan.

*Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni* **Windsor Company Limited v. Sovereign Hotels Limited** *mogħtija fis-27 ta' Jannar, 2021, il-proċedura kkontemplata fl-**artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** hija waħda speċjali fejn il-qorti hija mitluba biss li tivverifika fuq bażi ta'* prima facie *jekk hemmx waħda minn dawn iż-żewġ ċirkostanzi partikolari msemmija fil-liġi biex l-esekuzzjoni tal-kambjala tiġi sospiża. Fl-istess sentenza ngħad li:*

> "Il-verifika għandha ssir mingħajr ma jsir stħarrig dwar il-mertu tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet jew xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjonijiet reċiproċi bejn il-partijiet u dan għaliex l-istħarrġ tal-mertu jmissu jsir fil-kawża li jkollha titressaq mill-kreditur f'każ li l-qorti tilqa' t-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala. Wara kollox, il-kambjala innifisha hija prova tad-dejn li jkun inħoloq u l-emenda li saret bid-dhul fis-seħħ tal-Att IX tal-2004 li bih il-kambjala saret titolu eżekuttiv, kienet intiża sabiex tevita azzjonijiet inutili fejn l-eċċezzjonijiet tal-konvenut huma fi kwalsiasi każ ferm limitati"

*Issa m'hemmx dubju li dak li qed jitlob li jsir ir-rikorrent Lauri, huwa eżami approfondit fil-mertu ta' kwistjoni li tmur lil hinn minn dak li trid il-liġi. Għalkemm il-kambjala in kwistjoni tidher konnessa man-negozju tal-ħanut 'Wallis' f'Tas-Sliema, kif inhu paċifikament deċiż mill-Qrati tagħna, l-obbligazzjoni imwielda mill-kambjala hija indipendenti għal dik li tippreċediha. Lanqas ma għandha xi siwi l-allegazzjoni tar-*

*rikorrent Lauri meta jgħid li l-kambjala kellha tkun a karigu ta' Fashion Retailers Limited u dan speċjalment li fix-xhieda tiegħu stess, Lauri jikkonferma li huwa kien jaf li l-firma hija tiegħu u li huwa rrilaxxja dik il-kambjala f'ismu personalment.*

*Fid-dawl li l-eżami li teħtieġ tagħmel din il-Qorti huwa wieħed* prima facie*, u fid-dawl li huwa ben evidenti, li bit-talbiet tiegħu ir-rikorrent Lauri jeħtieġ eżami approfondit ta' mertu li jmur lil hinn minn din il-proċedura, din il-Qorti ma tqisx li l-eżekuzzjoni tal-kambjala għandha tiġi sospiża".*

## L-Appell

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fil-25 ta' Frar, 2022 fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti, u dan skont kull provvediment li jidhrilha xieraq u opportun, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata. Jgħid li l-aggravju tiegħu huwa li l-ewwel Qorti applikat ħażin il-liġi meta ddeċidiet li l-obbligazzjoni taħt il-kambjala għall-ħlas ta' €5,000 lill-appellata ma kellhiex x'taqsam mal-obbligazzjoni li ppreċedietha, u għalhekk qalet li l-kambjala kellha tiġi eżegwita.

7. L-appellata wieġbet fid-9 ta' Settembru, 2022 fejn issottomettiet lli l-appell odjern huwa wieħed frivolu u infondat, u saħansitra irritu u null, u għalhekk għandu jiġi miċħud, filwaqt li d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti għandha tiġi kkonfermata għal dawk ir-raġunijiet li hija tfisser fir-risposta tagħha.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-appellant fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmula mill-appellata fir-risposta tagħha.

9. L-appellant qiegħed jikkontendi li l-ewwel Qorti applikat ħażin il-liġi meta kkunsidrat li l-obbligazzjoni tal-ħlas naxxenti mill-kambjala in kwistjoni, m'għandhiex x'taqsam mal-obbligazzjoni ta' qabilha, u għalhekk il-kambjala kellha tiġi eżegwita. Jirrikonoxxi li huwa ċar fil-liġi, u dan kif għarfet l-ewwel Qorti, li kambjala li ssir skont il-Kodiċi tal-Kummerċ tikkostitwixxi titolu eżekuttiv, u huwa biss fejn hemm raġunijiet *'gravi u validi'* li l-eżekuzzjoni tagħha tiġi sospiża. Jirrileva li l-ewwel Qorti għamlet ukoll riferiment għall-ġurisprudenza li turi li kambjala għandha eżistenza indipendenti mit-tranżazzjoni li wasslet għall-ħruġ tagħha, u toħloq drittijiet u obbligazzjonijiet separati mill-imsemmija tranżazzjoni. Jgħid li madankollu hawnhekk l-ewwel Qorti għamlet żball meta ddikjarat li dan huwa *"paċifikament deċiż mill-Qrati tagħna",* għaliex għall-kuntrarju l-Qrati stess jagħrfu li l-pożizzjoni *"mhix waħda fissa"*, u jagħmel riferiment għal sentenza tal-Qorti tal-Appell in sostenn tal-argument tiegħu. L-appellant jikkontendi li l-qofol tal-kwistjoni hija l-ġirata o meno tal-kambjala, u jagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **John Giordimaina et *vs.* Joseph pace et** deċiża fis-16 ta' Jannar, 2003 mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Lulju, 2006, għalkemm jgħid li din ma ttrattatx il-kwistjoni *per se*. Wara li jiċċita wkoll silta minn dik is-sentenza, l-appellant jirrileva li l-Qorti hemmhekk għaddiet sabiex spjegat r-raġuni għaliex kambjala m'għandhiex eżistenza awtonoma u ma toħloqx obbligazzjoni ta' ħlas bejn il-partijiet awtomatikament jekk l-istess ħlas ma jkunx dovut skont l-'*underlying* transaction' jew l-*'underlying obligation'.* L-istess kwistjoni tal-ġirata o meno tal-kambjala ġiet trattata mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Frar, 2004 fl-ismijiet **Bank of Valletta plc *vs.* Carmel Ray Micallef**. Huwa jagħmel riferiment għal diversi sentenzi oħra

ta' dik il-Qorti dwar din il-kwistjoni, iżda anki għall-pożizzjoni meħuda mill-Professur Felić Cremona u l-awturi Taljani Vivante u Torrente. L-appellant jirrileva li għalkemm l-appellata qegħda tikkontendi li l-kambjala in kwistjoni kienet saret sabiex b'hekk hija titħallas għal diversi servizzi li tgħid li tat lill-appellant, jgħid li mill-provi joħroġ ċar li l-ħlas kien dovut għal senserija fuq negozju bejn is-soċjetà Fashion Retailers Limited u s-soċjetà Rock Enterprises Limited għall-bejgħ ta' ħanut ġewwa Tas-Sliema. Jikkontendi li l-istess kienet il-fehma tal-ewwel Qorti, u jirrileva li l-ħlas ta' senserija hija dovuta biss jekk din tkun wasslet għall-att finali ta' bejgħ, imma fil-każ odjern dan ma seħħx. Għalhekk l-appellata ma setgħetx tippretendi li hija dovuta s-senserija. Barra minn hekk, ġaladarba ma ġiex iffinalizzat l-att ta' bejgħ li fuqu kienet dovuta is-senserija, ma setgħetx tiġi fis-seħħ l-obbligazzjoni bejn il-partijiet li tat lok għall-kambjala. Għalhekk din ma setgħetx tittieħed *"on the face of it"* u b'hekk takkwista xejra awtonoma mit-tranżazzjoni li wasslet għall-ħruġ tagħha. Għalhekk, la l-appellant li deher fuq il-konvenju bħala direttur tas-soċjetà u li ħareġ il-kambjala f'ismu u lanqas l-imsemmija soċjetà m'huma debituri tal-appellata għas-somma indikata fuq il-kambjala.

10. L-appellata twieġeb billi tikkontendi li l-appell magħmul mill-appellat huwa wieħed frivolu u nfondat għal kollox, u saħansitra huwa rritu u null, u għandu jiġi miċħud. Tibda billi tirrileva li d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti fil-fatt tikkonsisti f'digriet li ma jistax isir appell minnu skont il-liġi. Hija tagħmel riferiment għad-disposizzjonijiet tal-para. (e) tal-artikolu 253 tal-Kap 12, u tissottometti li d-digriet b'hekk huwa wieħed finali u inappellabbli u l-kambjala għandha tiġi eżegwita. L-appellata tissottometti li l-appellant jonqos milli jindika fir-rikors tal-appell tiegħu d-dispożizzjoni tal-liġi li bis-saħħa tagħha

huwa kien qed jintavola l-imsemmi appell, u dan proprju għaliex ma kienx jaf liema kienet dik id-disposizzjoni jew saħansitra kien jaf li d-deċiżjoni ma kinitx appellabbli. Tgħid li ċertament l-appellant kien ser jargumenta li huwa biss digriet li jiċħad it-talba għal sospensjoni li huwa appellabbli, iżda huwa ċar mill-para. (e) tal-artikolu 253 tal-Kap. 12 li l-imsemmi digriet mhux appellabbli fl-ebda ċirkostanza, stante li l-proċedura li twassal għal dak id-digriet hija waħda ta' reviżjoni. Mingħajr preġudizzju għal din l-ewwel sottomissjoni, l-appellata tkompli billi tikkontendi li dak li qiegħed jirrileva l-appellant jirrigwarda Interpretazzjoni u mhux applikazzjoni ħażina tal-liġi. Huwa saħansitra ma indika l-ebda disposizzjoni tal-liġi li fuqha serraħ l-appell tiegħu. Tirrileva li l-konvenju li jsemmi l-appellant kien sar bejn terzi, u l-kambjala kienet fil-fatt tirrappreżenta ħlas għal diversi servizzi reżi minnha lill-appellant u lill-familja tiegħu, iżda ċertament mhux dawk ta' senserija marbuta mal-konvenju imsemmi. Tgħid li filwaqt li huwa minnu li l-ewwel Qorti qalet li ma kinitx konvinta li l-kambjala in kwistjoni ma kellha l-ebda konnessjoni mal-konvenju msemmi, imma l-ewwel Qorti mkien ma qalet li din kienet tirrigwarda senserija marbuta mal-istess konvenju. Taċċetta li l-kambjala hija tassew marbuta mal-imsemmi konvenju, iżda dan fis-sens wiesgħa tal-kelma u mhux bħala garanzija għall-ħlas ta' xi senserija. Filwaqt li tagħmel riferiment għal dak li qalet l-ewwel Qorti, tispjega li l-appellant kien ser iħallas lill-appellata l-ammont dovut lilha u li għalih saret il-kambjala, mill-flus li l-kumpannija li huwa jirrappreżenta kienet ser tirċievi mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt, u għalhekk il-kambjala kienet saret fid-data tal-konvenju u mmaturat fid-data tal-iskadenza tiegħu. Għal dak li jirrigwarda l-punt ta' interpretazzjoni tal-eżistenza indipendenti ta' kambjala mit-tranżazzjoni li tat lok għaliha, l-appellata qalet li l-pożizzjoni tal-ewwel Qorti

kienet waħda stabbilita u segwita sew mill-Qrati tagħna, anki permezz ta' deċiżjonijiet saħansitra aktar riċenti minn dawk iċċitati mill-appellant.

11. Din il-Qorti tibda billi tikkunsidra l-ewwel sottomissjoni tal-appellata, jiġifieri li skont il-para. (e) tal-artikolu 253 tal-Kap. 12 m'hemm l-ebda dritt ta' appell mid-digriet mogħti mill-ewwel Qorti. Il-Qorti taqbel mal-appellata u tgħid li d-disposizzjonijiet tal-imsemmi subartikolu huma ċari u ma jħallu lok għall-ebda interpretazzjoni oħra. Tikkunsidra li l-leġislatur espressament u b'mod inekwivoku iddikjara li d-digriet tal-Qorti mhux wieħed appellabbli, u żżid tgħid, ikun x'ikun dak id-digriet. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li skont l-imsemmija disposizzjonijiet tal-liġi, l-appell magħmul mill-appellant ma seta' qatt isir, u għalhekk qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddikjara li l-appell tal-appellant huwa rritu u null, u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu ulterjorment.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li dawk tal-appell odjern għandhom ikunu wkoll a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**